

31976L0464

18.5.1976

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 129/23

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**ta' l-4 ta' Mejju 1976****dwar it-tniġġiż ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi skarikati fl-ambjent akwatiku tal-Komunità**

(76/464/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li konsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 100 u 235 tiegħu,

Wara li konsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li konsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li konsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Billi teżisti hteġa urġenti għal azzjoni ġenerali u simultanja mill-Istati Membri sabiex jiproteġu mit-tniġġiż l-ambjent akwatiku tal-Komunità, b'mod partikolari dak ikkawżat minn ċerti sustanzi persistenti, tossiċi u li jistgħu jkunu bijokumulattivi;

Billi diversi konvenzjonijiet jew abbozzi ta' konvenzjonijiet, inklużi l-Konvenzjoni għall-prevenzjoni tat-tniġġiż tal-baħar minn sorsi fuq l-art, l-abbozz tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tax-xmara Renu mit-tniġġiż kimiku u l-abbozz tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tax-xmajjar u l-kanali ta' l-ilma internazzjonali kontra t-tniġġiż, huma disinjati sabiex jiproteġu mit-tniġġiż ix-xmajjar u l-kanali ta' l-ilma internazzjonali u l-ambjent marittimu; billi huwa importanti li tiġi żgurata l-implimentazzjoni koordinata ta' dawn il-konvenzjonijiet.

Billi kull nuqqas ta' qbil bejn id-dispożizzjonijiet dwar l-iskariku ta' ċerti sustanzi perikolużi fl-ambjent akwatiku li diġà qegħdin fis-seħħ jew li għadhom fit-tħejjija fid-diversi Stati Membri jistgħu joħolqu kondizzjonijiet mhux indaqs għall-kompetizzjoni u b'hekk jaffettwaw b'mod dirett il-funzjoni tas-suq komuni; billi hija għalhekk meħtieġa l-approssimazzjoni tal-liġijiet f'dan il-qasam, kif ipprovdut fl-Artikolu 100 tat-Trattat;

Billi jidher li din l-approssimazzjoni tal-liġijiet teħtieġ illi tkun akkompanjata minn azzjoni Komunitarja sabiex waħda mill-miri tal-Komunità fl-isfera tal-protezzjoni ta' l-ambjent u tat-titjib fil-kwalità tal-ħajja tkun tista' tinkiseb b'regoli iktar estensivi; billi ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi għandhom għalhekk jiġu stabbiliti għal dan l-iskop; billi l-Artikolu 235 tat-Trattat għandu jiġi involvat għaliex is-setgħat meħtieġa għal dan il-għan m'humiex ipprovduti fit-Trattat;

Billi l-programm ta' azzjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-ambjent ⁽³⁾ jipprovdni numru ta' miżuri li jiproteġu l-ilma ħelu u l-ilma baħar minn ċertu tniġġis;

Billi sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva ta' l-ambjent akwatiku tal-Komunità, jeħtieġ li ssir l-ewwel lista, msejħa l-Lista I, ta' ċerti sustanzi individwali magħżula prinċipalment fuq il-bażi tat-tossiċità, tal-persistenza u tal-bijokumulazzjoni tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' dawk li bijoloġikament ma jagħmlux ħsara jew li

⁽¹⁾ ĠU C 5, tat-8.1.1975, p. 62

⁽²⁾ ĠU C 108, tal-15.5.1975, p. 76

⁽³⁾ ĠU C 112, tal-20.12.1973, p. 1.

jinbidlu b'ħeffa f'sustanzi li bijoloġikament ma' jagħmlux ħsara, u t-tieni lista, msejħa l-Lista II, li tinkludi sustanzi li jagħmlu l-ħsara lill-ambjent akwatiku, li, madankollu, jistgħu jkunu limitati għal żona speċifika u li jiddependu fuq il-karatteristiċi u l-post fejn jinstab l-ilma li fih jiġu skarikati; billi kull skariku ta' dawn is-sustanzi għandu jkun bla ħsara għal kull awtorizzazzjoni minn qabel li tispjefika l-livelli ta' emissjoni;

Billi t-tniġġiż permezz ta' l-iskariku tad-diversi sustanzi perikolużi fil-Lista I irid jiġi eliminat; billi l-Kunsill għandu, fl-limiti speċifiċi taż-żmien u fuq proposta mill-Kummissjoni, jadotta valuri ta' limitu li l-livelli stabbiliti għall-emissjonijiet ma għandhomx jaqbu, metodi tal-kejl, u l-limiti taż-żmien li l-iskarikaturi eżistenti jridu jħarsu;

Billi l-Istati Membri għandhom japplikaw dawn il-valuri ta' limitu, għajr fejn Stat Membru jista' jagħti prova lill-Kummissjoni, b'mod konformi ma' proċedura għall-monitoraġġ stabbilita mill-Kunsill, illi l-għanijiet immedjati tal-kwalità stabbiliti mill-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, ikunu qegħdin jintlaħqu u jkunu qegħdin jinżammu kontinwament fiż-żona kollha li tista' tkun affettwata mill-iskariki minħabba l-azzjoni meħuda, fost oħrajn, minn dan l-Istat Membru;

Billi jeħtieġ li jitnaqqas it-tniġġiż ta' l-ilma kawżat mis-sustanzi fil-Lista II; billi għal dan il-għan l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi li jinkorporaw l-għanijiet għall-kwalità ta' l-ilma mfassla b'konformità mad-Direttivi tal-Kunsill fejn dawn jeżistu; billi l-livelli għall-emissjonijiet applikabbli għal dawn is-sustanzi għandhom jiġu kalkolati skond dawn l-għanijiet għall-kwalità;

Billi, bla ħsara għal ċerti eċċezzjonijiet u modifiki, din id-Direttiva għandha tiġi applikata għall-iskariki fl-ilma ta' taħt l-art sakemm jiġu adottati regoli Komunitarji speċifiċi dwar dawn;

Billi Stat Membru wieħed jew aktar jistgħu jkunu kapaċi, individwalment jew flimkien, jieħdu miżuri iktar stretti minn dawk ipprovduti f'din id-Direttiva;

Billi għandu jinbena inventarju ta' l-iskariku fl-ambjent akwatiku tal-Komunità ta' ċerti sustanzi partikolarment perikolużi sabiex jinstab minfejn joriġinaw;

Billi jista' jinħtieġ li jiġu riveduti u, fejn meħtieġ, issupplimentati l-Listi I u II fuq il-bażi ta' l-esperjenza, billi, fejn xieraq, jiġu trasferiti ċerti sustanzi mil-Lista II għal-Lista I,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Bla ħsara għall-Artikolu 8, din id-Direttiva għandha tapplika għal:

- l-ilma tal-wiċċ 'il għewwa mill-kosta,
- l-ibħra territorjali,
- l-ilma ta' mal-kosta,
- l-ilma ta' taħt l-art.

2. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

- (a) "l-ilma tal-wiċċ 'il għewwa mill-kosta" ifisser kull ilma ħelu ġieri jew mhux li jkun fit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew iktar;
- (b) "l-ilma ta' mal-kosta" ifisser l-ilma fuq in-naħa ta' l-art il għewwa mil-linja bażi li minnha titkejjel il-medda ta' l-ibħra territorjali, li testendi, fil-każ tax-xmajjar u l-kanali, sal-limitu ta' l-ilma ħelu;
- (c) "il-limitu ta' l-ilma ħelu" ifisser il-post fix-xmara jew kanal fejn, fil-frugħ tal-baħar u fiż-żmien meta l-livell ta' l-ilma ħelu jkun baxx, ikun hemm żieda apprezzabbli fis-salinità minħabba l-preżenza ta' l-ilma baħar;
- (d) "skariku" ifisser it-tidħil fl-ilmijiet riferiti fil-paragrafi 1 ta' kull sustanza inkluża fil-Listi I u II, minbarra:
 - skariki mit-tħammil tal-ħama,
 - skariki operazzjonali mill-bastimenti fl-ibħra territorjali,
 - ir-rimi ta' skart fl-ibħra territorjali mill-bastimenti;
- (e) "tniġġis" ifisser l-iskariku mill-bniedem, b'mod dirett jew indirett, ta' sustanzi jew ta' enerġija fl-ambjent akwatiku, li bħala riżultat jikkawża riskji għas-saħħa tal-bniedem, ħsara lir-riżorsi haġġin u lill-ekosistemi akwatiċi, ħsara lill-amenitajiet jew tfixkil f'xi użu leġittimu ieħor ta' l-ilma

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi xierqa sabiex jeliminaw it-tniġġiż ta' l-ilmijiet riferiti fl-Artikolu 1 mis-sustanzi perikolużi fil-familji u l-gruppi tas-sustanzi fil-Lista I ta' l-Anness u sabiex inaqqsu t-tniġġiż ta' l-ilmijiet imsemmija mis-sustanzi perikolużi tal-Lista II fl-Anness, b'mod konformi ma' din id-Direttiva, li d-dispożizzjonijiet tagħha jirrappreżentaw biss l-ewwel pass lejn din il-mira.

Artikolu 3

Fir-rigward tas-sustanzi li jagħmlu parti mill-familji u l-gruppi tal-Lista I, minn issa 'l quddiem imsejħa "s-sustanzi fil-Lista I":

1. kull skariku fl-ilmijiet riferiti fl-Artikolu 1 li jista' jkollu xi sustanza minn dawn jeħtieġ l-awtorizzazzjoni minn qabel ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru interessat;
2. l-awtorizzazzjoni għandha tistabbilixxi l-livelli ta' emissjoni rigward l-iskariku ta' kull sustanza ta' din ix-xorta fl-ilmijiet riferiti fl-Artikolu 1 u, fejn dan jinħtieġ għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-iskariku ta' kull sustanza ta' din ix-xorta fis-sistema tad-drenaġġ.
3. fil-każ ta' l-skariku eżistenti ta' kull sustanza minn dawn fl-ilmijiet riferiti fl-Artikolu 1, dawk li jiskarikaw iridu jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-awtorizzazzjoni fil-perjodu taż-żmien stabbilit fiha. Dan il-perjodu ma jistax jaqbeż il-limiti stabbiliti b'mod konformi ma' l-Artikolu 6(4);
4. l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jingħataw biss għal perjodu limitat ta' żmien. Jistgħu jiġu mgeġda, wara li jitqies kull tibdil fil-valuri ta' limitu riferiti fl-Artikolu 6.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw sistema li ma taċċetta ebda emissjoni ta' sustanzi mill-Lista I fl-iskariku fl-ilma ta' taħt l-art.
2. L-Istati Membri għandhom japplikaw għall-ilma ta' taħt l-art id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li għandhom x'jaqsmu mal-familji u l-gruppi ta' sustanzi fil-Lista II, minn issa 'l quddiem imsejħa "is-sustanzi fil-lista II".
3. Il-paragrafi 1 u 2 la għandhom japplikaw għad-drenaġġ domestiku u lanqas għall-iskariki injettati fis-saffi mielħa li jinsabu fil-fond u li ma jistgħux jintużaw.
4. Id-dispożizzjonijiet f'din id-Direttiva li għandhom x'jaqsmu ma' l-ilma ta' taħt l-art ma għandhomx jibqgħu japplikaw malli tiġi implimentata Direttiva separata dwar l-ilma ta' taħt l-art.

Artikolu 5

1. Il-livelli għall-emissjonijiet stabbiliti fl-awtorizzazzjonijiet mogħtija skond l-Artikolu 3 għandhom jiddeterminaw:
 - (a) l-ogħla konċentrazzjoni ta' sustanza permessa fi skariku. Meta s-sustanza tkun dilwita l-valur ta' limitu provvdut fl-Artikolu 6(1)(a) għandu jiġi diviż bil-fattur tat-tgħammid;
 - (b) l-akbar kwantità ta' sustanza permessa fi skariku matul perjodu taż-żmien speċifikat jew matul aktar minn perjodu wieħed taż-żmien. Din il-kwantità tista', jekk jinħtieġ, tiġi wkoll espressa bħala unità tal-piż ta' l-oġġett li jniġġeż għal kull unità ta' l-element karatteristiku ta' l-attività li tniġġez (p.e. unità tal-piż għal kull unità tal-materja prima jew għal kull unità tal-prodott).

2. Għal kull awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru interessat tista', jekk jinħtieġ, timponi livelli għall-emissjonijiet iktar stretti minn dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-valuri ta' limitu stabbiliti mill-Kunsill skond l-Artikolu 6, wara li tikkonsidra b'mod partikolari t-tossiċità, il-persistenza u l-bijokumulazzjoni tas-sustanza involuta fl-ambjent li fih tkun għet skarikata.

3. Jekk min jiskarika jiddikjara li ma jistax iħares il-livelli meħtieġa għall-emissjonijiet, jew jekk din is-sitwazzjoni tkun evidenti għall-awtorità kompetenti fl-Istat Membru interessat, l-awtorizzazzjoni ma għandhiex tingħata.

4. Jekk il-livelli għall-emissjonijiet ma jiġux imħarsa, l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru interessat għandha tieħu l-passi xierqa kollha sabiex tiżgura illi jitħarsu l-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni u, jekk jinħtieġ, illi l-iskariku jiġi proġbit.

Artikolu 6

1. Filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, l-Kunsill għandu jistabbilixxi l-valuri ta' limitu li l-livelli għall-emissjonijiet ma jistgħux jaqbz u tal-diversi sustanzi perikolużi inklużi fil-familji u fil-gruppi fil-Lista I. Dawn il-valuri ta' limitu għandhom jiġu stabbiliti skond:

- (a) l-ogħla konċentrazzjoni ta' sustanza permessa fi skariku, u
- (b) fejn xieraq, l-akbar kwantità ta' sustanza ta' din ix-xorta espressa bħala unità tal-piż ta' l-oġġett li jniġġeż għal kull unità ta' l-element karatteristiku ta' l-attività li tniġġez (p.e. unità tal-piż għal kull unità tal-materja prima jew unità tal-prodott).

Fejn xieraq, il-valuri ta' limitu applikabbli għad-drenaġġ industrijali għandhom jiġu stabbiliti skond is-settur u x-xorta ta' prodott.

Il-valuri ta' limitu applikabbli għas-sustanzi fil-Lista I għandhom jiġu stabbiliti prinċipalment fuq il-bażi ta':

- it-tossicità,
- il-persistenza,
- il-bijokumulazzjoni,

filwaqt li jitqiesu l-aħjar mezzi tekniċi disponibbli.

2. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jistabbilixxi l-għanijiet tal-kwalità għas-sustanzi fil-Lista I.

Dawn l-għanijiet għandhom jiġu stabbiliti prinċipalment fuq il-bażi tat-tossiċità, tal-persistenza u ta' l-akkumulazzjoni tas-sustanzi msemmija f'organiżmi ħajjin u fis-sediment, kif indikat mill-informazzjoni xjentifika konklużiva l-aktar aġġornata, filwaqt li titqies id-differenza bejn il-karatteristiċi ta' l-ilma mielħa u ta' l-ilma ħelu.

3. Il-valuri ta' limitu stabbiliti skond il-paragrafu 1, għandhom japplikaw għajr fil-każi fejn Stat Membru jista' jagħti prova lill-Kummissjoni, b'mod koformi ma' proċedura għall-monitoraġġ stabbilita mill-Kunsill wara proposta mill-Kummissjoni, illi l-għanijiet tal-kwalità stabbiliti skond il-paragrafu 2, jew għanijiet Komunitarji għall-kwalità iktar stretti, ikunu qegħdin jintlaħqu u jkunu qegħdin jinżammu bla waqfien fiż-żona kollha li tista' tiġi affettwata mill-iskariki minħabba l-azzjoni meħuda minn, fost oħrajn, dan l-Istat Membru.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill l-okkażjonijiet fejn tkun aċċettat il-metodu ta' l-oġettivi tal-kwalità. Kull ħames snin il-Kunsill għandu jeżamina, fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni u b'mod konformi ma' l-Artikolu 148 tat-Trattat, l-okkażjonijiet fejn ikun ġie applikat il-metodu msemmi.

4. Għal daww is-sustanzi inklużi fil-familji u l-gruppi ta' sustanzi riferiti fil-paragrafu 1, il-limiti taż-żmien riferiti fil-punt 3 ta' l-Artikolu 3 għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill skond l-Artikolu 12, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tas-setturi industrijali interessati u, fejn xieraq, ix-xorta ta' prodotti.

Artikolu 7

1. Sabiex jitnaqqas it-tniġġiż ta' l-ilmijiet riferiti fl-Artikolu 1 mis-sustanzi fil-Lista II, l-Istati Membri għandhom ifasslu programmi li fl-implimentazzjoni tagħhom għandhom japplikaw b'mod partikolari l-metodi riferiti fil-paragrafi 2 u 3.

2. L-iskariki kollha fl-ilmijiet riferiti fl-Artikolu 1 li jista' jkun fihom xi wħud mis-sustanzi fil-Lista II għandhom jeħtieġu l-awtorizzazzjoni minn qabel ta' l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru interessat, illi fiha għandhom jiġu stabbiliti l-livelli għall-emissjonijiet. Dawn il-livelli għandhom ikunu msejsa fuq l-għanijiet tal-kwalità, li għandhom jiġu fissati kif ipprovdut fil-paragrafu 3.

3. Il-programmi riferiti fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-għanijiet tal-kwalità għall-ilma; dawn għandhom jiġu stabbiliti b'mod konformi mad-Direttivi tal-Kunsill, fejn dawn jeżistu.

4. Il-programmi jistgħu jinkludu wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw il-kompożizzjoni u l-użu ta' sustanzi jew gruppi ta' sustanzi u prodotti u għandhom iqisu l-aħħar żviluppi tekniċi li huma possibbli ekonomikament.

5. Il-programmi għandhom jistabbilixxu t-temma taż-żmien għall-implimentazzjoni tagħhom.

6. Għabra fil-qosor tal-programmi u tar-riżultati ta' l-implimentazzjoni tagħhom għandha tingħata lill-Kummissjoni.

7. Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tagħmel arranġamenti għat-tqabbil regolari tal-programmi sabiex tiżgura koordinament suffiċjenti fl-implimentazzjoni tagħhom. Jekk jidher li hu xieraq, għandha tissottometti proposti rilevanti lill-Kunsill għal dan l-iskop.

Artikolu 8

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi xierqa kollha sabiex jimplementaw il-miżuri adottati minnhom skond din id-Direttiva hekk illi ma jżidux it-tniġġiż fl-ilmijiet li għalihom ma japplikax l-Artikolu 1. Għandhom b'żieda ma' dan jipprojbixxu l-azzjonijiet kollha li b' mod intenzjonali jew le jaħarbu d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Artikolu 9

L-applikazzjoni tal-miżuri meħuda skond din id-Direttiva ma jstgħu fl-ebda ċirkostanza jwasslu, b' mod dirett jew indirett, għaż-żieda fit-tniġġiż ta' l-ilmijiet riferiti fl-Artikolu 1.

Artikolu 10

Fejn xieraq, Stat Membru wieħed jew iktar jistgħu b'mod individwali jew flimkien jieħdu miżuri iktar stretti minn daww ipprovduti f'din id-Direttiva.

Artikolu 11

L-awtorità kompetenti għandha tibni inventarju ta' l-iskariki fl-ilmijiet riferiti fl-Artikolu 1 li jista' jkun fihom sustanzi mill-Lista I li għalihom japplikaw il-livelli għall-emissjonijiet.

Artikolu 12

1. Il-Kunsill, huwa u jaġixxi b'unanimità, għandu jieħu deċiżjoni fi żmien disa' xhur dwar kull proposta mill-Kummissjoni magħmula skond l-Artikolu 6 u dwar il-proposti li jirrigwardaw il-metodi tal-kejl applikabbli.

Proposti dwar serje tal-bidu tas-sustanzi kif ukoll il-metodi tal-kejl li jkunu japplikaw u t-temma taż-żmien riferiti fl-Artikolu 6(4) għandhom jiġu sottomessi mill-Kummissjoni f'perjodu ta' mhux aktar minn sentejn wara n-notifika ta' din id-Direttiva.

2. Il-Kummissjoni għandha, fejn possibbli fi żmien 27 xahar min-notifika ta' din id-Direttiva, tibgħat l-ewwel proposti magħmula skond l-Artikolu 7(7). Il-Kunsill, huwa u jaġixxi b'unanimità, għandu jieħu deċiżjoni fi żmien disa' xhur.

Artikolu 13

1. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom ifornu lill-Kummissjoni, fuq it-talba tagħha li hi trid tissottomi f'kull każ, bit-tagħrif kollu meħtieġ, u b'mod partikolari:

- bid-dettalji ta' l-awtorizzazzjonijiet mogħtija skond l-Artikolu 3 u l-Artikolu 7(2),
- bir-riżultati ta' l-inventarju ipprovdut fl-Artikolu 11,
- bir-riżultati tal-moniteragg min-network nazzjonali,
- tagħrif addizzjonali dwar il-programmi riferiti fl-Artikolu 7.

2. It-tagħrif miksub bħala riżultat ta' l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandu jiġi wżat biss għall-għan li għalih ikun ġie mit-lub.

3. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, l-uffiċjali tagħhom u impjegati oħra ma għandhomx jikxfu t-tagħrif miksub minnhom skond din id-Direttiva u li jkun tat-tip li jaqa' taħt l-obbligu tas-segretezza professjonali.

4. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 ma għandhomx jimpe-dixxu l-pubblikazzjoni ta' tagħrif ġenerali jew ta' stħarriġ li ma

jkunx fihom tagħrif li għandu x'jaqsam ma' impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi partikolari.

Artikolu 14

Il-Kunsill, huwa u jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, li għandha taġixxi fuq l-inizjattiva tagħha jew fuq it-talba ta' Stat Membru, għandu jirrevedi u, fejn meħtieġ, jikkompleta l-Listi I u II fuq il-bażi ta' l-esperjenza billi jittrasferixxi ċerti sustanzi mil-Lista II għall-Lista I fejn xieraq.

Artikolu 15

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fl-4 ta' Mejju 1976.

Għall-Kunsill

Il-President

G. THORN

ANNEX

Il-Lista I tal-familji u gruppi ta' sustanzi

Il-Lista I fiha ċerti sustanzi individwali li jagħmlu sehem mill-familji u mill-gruppi ta' sustanzi li ġejjin, magħżula fil-biċċa l-kbira fuq il-bażi tat-tossiċità, l-persistenza u l-bijokumulazzjoni tagħhom, għajr dawk li bijoloġikament ma jagħmlux ħsara jew li jiġu mibdula bil-ħeffa f'sustanzi li bijoloġikament ma jagħmlux ħsara:

1. il-komposti organoaloġenici u s-sustanzi li jistgħu jiffurmaw dawn il-komposti fl-ambjent akwatiku,
 2. il-komposti organofosforiċi,
 3. il-komposti organotin,
 4. is-sustanzi li jkunu ġew ippruvati li għandhom kwalitajiet karċinoġeni fl-ambjent akwatiku jew permezz tiegħu ⁽¹⁾,
 5. il-merkurju u l-komposti tiegħu,
 6. il-kadmju u l-komposti tiegħu,
 7. iż-żjut minerali persistenti u l-idrokarboni li joriġinaw miż-żejt minerali,
- u għall-iskopijiet ta' l-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 2, 8, 9 u 14 ta' din id-Direttiva:
8. is-sustanzi sintetiċi persistenti li jistgħu iżommu fil-wiċċ, jibqgħu f'sospensjoni jew jegħrqu u li jistgħu jfixklu kull użu ta' l-ilmijiet.

Il-Lista II tal-familji u l-gruppi ta' sustanzi

Fil-Lista II jinsabu:

- s-sustanzi li jagħmlu sehem mill-familji u l-gruppi tas-sustanzi fil-Lista I li għalihom ma ġewx stabbiliti l-valuri ta' limitu riferiti fl-Artikolu 6 tad-Direttiva,
- ċerti sustanzi individwali u kategoriji ta' sustanzi li jagħmlu sehem mill-familji u l-gruppi ta' sustanzi mniżżla fil-lista hawn taħt,

u li jagħmlu ħsara lill-ambjent akwatiku, li, madankollu, jistgħu ikunu limitati għal żona specificata u li jiddependu mill-karatteristiċi u l-post fejn jinstab l-ilma li fih jiġu skarikati.

Il-familji u l-gruppi tas-sustanzi riferiti fit-tieni inċiż

1. Il-metallojdi u l-metalli li ġejjin u l-komposti tagħhom:

1. iż-żingu	6. is-selenju	11. l-istann	16. il-vanadju
2. ir-ram	7. l-arseniku	12. il-barju	17. il-kobalt
3. in-nikil	8. l-antimonju	13. il-berillju	18. it-talju
4. il-kromju	9. il-molibdenu	14. il-boron	19. it-tellurju
5. ic-comb	10. it-titanju	15. l-uranju	20. il-fidda
2. Il-bijocodi u d-derivati tagħhom li ma jidhrux fil-Lista I.
3. Is-sustanzi li għandhom effett ħażin fuq it-togħma u/jew ir-riħa tal-prodotti derivati mill-ambjent akwatiku għall-konsum tan-nies,

u l-komposti li x'aktarx inisslu dawn is-sustanzi fl-ilma.
4. Il-komposti organiċi tas-silikon li huma tossiċi jew persistenti, u s-sustanzi li jistgħu jnisslu dawn il-komposti fl-ilma, minbarra dawk li bijoloġikament ma jagħmlux ħsara jew li jinbidlu fl-ilma bil-ħeffa f'sustanzi li ma jagħmlux ħsara.

⁽¹⁾ Fejn ċerti sustanzi fil-Lista II ikunu karċinoġeni, jiġu inklużi fil-kategorija 4 ta' din il-lista.

5. Il-komposti inorganiċi tal-fosfru u tal-fosfru elementali.
 6. Iż-żjut minerali mhux persistenti u l-idrokarboni li joriġinaw miż-żejt minerali.
 7. Iċ-ċjanuri, il-fluworidi.
 8. Is-sustanzi li għandhom effett negattiv fuq il-bilanċ ta' l-ossiġnu, b'mod partikolari: l-ammonja, in-nitriti.
-